# Iċ-Ċirku ta' "Brockdorff" fix-Xagħra



Il-kelma "Brockdorff" bħalissa qed tissemma ferm fuq fomm in-nies u l-mezzi l-oħra tax-xandir, iżda żgur li mhux il-poplu kollu tax-Xagħra u l-Maltin u l-Għawdxin fil-maġġoranza tagħhom ma jafu xi tfisser u x'konnessjoni għandha din il-kelma mar-raħal tax-Xagħra li hu għani fl-arkeoloġija, li tmur lura eluf ta' snin.

Il-pittur franċiż ta' żmien ir-Re Franċiż Lwiġi XVI, Jean Pierre Louis Houel, li għex bejn l-1735-1813, hu maħsub li huwa l-ewwel artist li ndika l-postijiet megalitiċi tal-gżejjer Maltin. Difatti fl-1775 huwa ndika dan is-sit arkeoloġiku ġdid fix-Xagħra.

Imbagħad fl-1778 huwa pitter b'eżattezza kbira s-siti arkeoloġiċi tal-gżejjer Maltin, u fl-1782-1787 hu ppubblikahom f'erba' volumi bl-isem ta' "The Voyage Pittoresque". Il-Kżarina Katerina II tar-Russja xtrat l-oriġinali u l-lum jinsabu fil-mużew tal-"Heritage" fir-Russja stess.

Dak li pitter il-pittur Houel, jibqa' s-sors prinċipali ta' dokumentazzjoni ta' struttura (bini megalitiċi) ta' Għawdex, u li jinkludu wkoll "The Xagħra Stone Circle".

Għal min ma jafx, il-"Brockdorff Circle" hu l-isem ta' Charles Frederick von Brockdorff, li kien artist Ġermaniż, li ġie minn Schleswig-Holstein, u wara ssetilja Malta, difatti bosta jqisuh bħala Malti bħalna, anzi hu assoċjat bħala artist Malti.

Dan għamel inċiżjonijiet bil-water colours, li juru fid-dettal tas-sit arkeoloġiku kbir li għadu kif ġie skavat, u ser ikun hemm iżjed xogħol ta' skavar fuqu, li jinsab fi Triq Ħamet, Xagħra. Uħud mill-abbozzi ta' pittura u inċiżjonijiet tiegħu llum jinsabu fil-libreriji nazzjonali ta' Malta, u fil-Mużew tal-arkeoloġija fil-Belt Valletta.

Dan il-pittur pitter is-sit arkeoloġiku fil-bidu tas-seklu dsatax, eżattament mal-miġja ta' l-Ingliżi f'Malta. Għalhekk is-sit jissejjaħ għalih għax hu ndikah. Huwa għajb li ma hemmx mafkar jew triq imsemmija għalih fix-Xagħra, għax bis-sejba tiegħu kompla għolla l-isem tax-Xagħra, u permezz t'hekk, ix-Xagħra tkun mhux biss fuq il-mappa ġeografika, iżda fuq il-mappa tal-Wirt Dinji, bħall-Eġittu, il-Mesapotanja, il-Greċja, u bosta pajjiżi oħra.

Is-sit jinsab ma' ġenb it-tempju l-ieħor megalitiku msejjaħ ta' "Għeżżu" li l-lum jinsab imġarraf, minħabba traskuraġni u negliġenza mill-awtoritajiet kompetenti, u jinsab ukoll tefgħa ta' ġebla bogħod mit-Tempji tal-Ġgantija. Mill-iskavar li sar s'issa sar magħruf li dan is-sit kien ċimiterju Preistoriku.

Kien il-Kurunell John Otto Bayer, li kien Gvernatur Ingliż għal Għawdex, li bejn l-1820-1829 skava u kixef it-Tempji tal-Ġgantija. Wara beda jiskava dan is-sit li jiġi ferm qrib il-Ġgantija, iżda bdiewa li kellhom ir-raba' fil-qrib, sfortunatament ma kinux japprezzaw il-wirt arkeoloġiku, u anke llum għad hemm nies, anke mix-Xagħra, li ma japprezzawx dal-patrimonju dinji, dawn il-bdiewa fis-sempliċità tagħhom, ma ħallewx lill-Kurunell ikompli jiskava, anzi kissru l-ġebel kbir li kien jifforma daċ-ċirku.

Difatti l-ħofra kbira li Bayer laħaq ħaffer, l-istess bdiewa reġgħu mlewha bil-mażkal u ġebel ieħor, u s-sit ġie mogħti lura għall-agrikultura. L-istess ġralu t-tempju ta' "Għeżżu". Dan safa mkisser mhux minn bdiewa tas-seklu l-ieħor, iżda min-nies ċivilizzati tas-seklu għoxrin. Kien ukoll f'dan l-istadju li Brockdorff għamel dawn l-inċiżjonijiet imprezzabbli li baqgħu fuq l-ixkaffa għal bosta snin u ħadd ma ta każhom.

Kellu jkun is-Sur Joe Attard Tabone, iben ix-Xagħra, ex-Spettur tal-Pulizija, li bħali għandu ħafna għal qalbu l-wirt storiku u arkeoloġiku tax-Xagħra, li ħa inizjattiva meta ta taħdita pubblika fit-30-11-1965, u t-"Times of Malta" tagħtu importanza kbira, biex jiġi skavat kif fil-fatt ġara. Iżda għalfejn kellhom jgħaddu 20 sena wara, eżattament bejn l-1988-1990, biex jibda l-iskavar meta fix-Xagħra kellna bosta politiċi, tobba, avukati u anke surmastrijiet kemm ta' l-iskola kif ukoll tal-mużika.

Ringrazzjament imur għad-Dipartiment tal-Mużew li f'Ġunju ta' l-1987, b'team imħarreġ ta' Maltin u Ingliżi,

li b'direzzjoni ta' Profs. Anthony Bonanno, Dr. Caroline Malone, Dr. Simon Stoddart, u Dr. David Trump, b'kollaborazzjoni mal-Fakultà ta' l-Arkeoloġija ta' l-Università ta' Malta, flimkien ma' l-Universitajiet ta' Cambridge, Edinburgh u Bristol, bagħtu arkeoloġisti Ingliżi, li bil-paċenzja u r-rieda u bit-tfarfir tal-pinzell (u mhux mid-daqqiet tal-gaffa), skavaw sit uniku mhux biss f'Għawdex, Malta u l-Mediterran, iżda fid-dinja.



Għandna nkunu grati wkoll lejn is-Sur Joe Attard Tabone għax hu sab is-sit uniku, li kien ċimiterju Preistoriku. B'din is-sejba, Joe Attard Tabone se jibqa' magħruf u jkun benefattur kbir li għamel ġieħ lix-Xagħra u ismu jitniżżel mal-lista ta' nies magħrufa bħal Laurent Ropa (kittieb), li għamlu unur lix-Xagħra.

Nikkwota silta mill-kitba ta' Dr. Giovanni Bonello LL.D., mill-artiklu tiegħu ferm interessanti bit-titlu "The Gozo Megalithic Sites" paġna 19, li deher fuq il-ktieb ippubblikat mill-Fondazzjoni Patrimonju Malti, li jgħid hekk dwar is-Sur Joe Attard Tabone: "I have to thank Mr. Joe Attard Tabone whose research contributed so conclusively to the re-discovery of the site of the Xagħra Stone Circle, for his assistance with the illustration and some information".

F'kelma waħda, Dr. Giovanni Bonello jistqarr li l-moħħ wara s-sejba mill-ġdid ta' dan is-sit ħadd m'hu ħlief is-Sur Joe Attard Tabone. Arkeoloġisti madwar id-dinja ser jibqgħu grati lejn is-Sur Joe Attard Tabone, għax hu wera u sab il-pożizzjoni preċiża ta' dan is-sit, li ser ikompli jiżvela d-drawwiet u ċ-ċiviltà tan-Neolitiċi li għexu f'pajjiżna.

Nappella lid-Dipartiment tal-Mużew biex ikompli jiskava t-Tempju ta' "Għeżżu", jiskava wkoll it-tempji megalitiċi f'Santa Verna fix-Xagħra wkoll, kif ukoll il-fdalijiet preistoriċi fuq il-Għolja tan-Nuffara, u anke l-Villa Rumana u l-passaġġ Ruman fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra.

Ringrazzjament mill-ġdid imur lill-Ministru għal Għawdex Anton Tabone, u l-Ministru Michael Refalo, li taw l-appoġġ kontinwu biex isir dan l-iskavar.

B'hekk inkunu kburin bil-patrimonju li l-gżira tagħna hi għanja ħafna fl-istorja u l-arkeoloġija u kull min iżur dan is-sit fi Triq Ħamet, għandu jistqarr l-istess kliem li d-Direttur tal-UNESCO Federico Mayor meta qal: "Li Għawdex għandu jkun Wirt Dinji".

**RAYMOND MIFSUD.**




To Serve you better at Xaghra

CRAI

welcomes

St Joseph Supermarket

125, Church Street, Xaghra, Gozo

as

SIMPATIA CRAI FOODSTORE

St Joseph Supermarket wishes all the residents of Xaghra a very Happy Feast